TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Samantha Grima

vs

Ray Cutajar

CCT 34/20/MS

30th September 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Frar 2020 fejn talbet is-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350.00), prezz ta' mobile phone Samsung A70 mixtri minghand l-intimat, liema mobile zviluppa hsara ftit granet wara u beda jixghel u jintefa wahdu.

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentat fil-4 ta' Marzu 2020 fejn kkonferma illi r-rikorrenti kienet xtrat mobile phone u giet ghandu bil-hsara xi jumejn wara. Spjega illi kien cempel lill-agent u ftehmu li kienu ha jaghmlu *factory restart* jew *software* gdid u jekk anke dawn ma jirnexxux u jigi kkonstatat li dan huwa *factory fault,* jigi mibdul. Saru dawn il-processi kollha - kemm ir-*restart* kif ukoll is-*software*, imma xorta baqa' l-istess. B'ftehim mal-agent, offrew lir-rikorrenti li l-mobile jintbaghat barra peress illi kien ghadu taht garanzija biex jigi ccertifkat jekk ixarrabx jew gie mwaqqa', u f'dak il-kaz, ir-rikorrenti ma tkunx intitolata ghal *mobile phone* gdid. Ghall-ewwel ir-rikorrenti accetat din il-proposta izda sussegwentement biddlet il-hsieb u ddecidiet illi tirikorri ghand il-Konsumatur.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza hemm qbil totali bejn il-partijiet fuq il-fatti tal-kaz. Ir-rikorrenti xtrat mobile fil-bidu ta' Dicembru 2019 ghal prezz ta' €350.00 u ftit jiem wara zvillupalu hsara. Hallietu hemm biex l-intimat jaghmillu *software* pero' l-problema ppersistiet. Illum l-mobile jinsab fil-pussess tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tinnega illi l-mobile qatt gie mwaqqa jew imxarrab. Tghid illi xtratu ghat-tifla ghal Milied u spiccat lanqas uzatu.

L-intimat ikkonferma dak kollu li qalet ir-rikorrenti u jghid illi ghall-ewwel ir-rikorrenti accettat il-proposta tiegu li l-mobile jintbghat ghand l-agent barra minn Malta biex jigi ccekjat ghall-perkolazzjoni tal-ilma, pero' wara ftit sieghat rega' bdielha. Qal li fic-cirkostanzi ma jista' jaghmel

xejn izjed ghaliex qabel ma jtiha mobile gdid, dan irid jigi ccekjat mill-agent. In kontro-ezami, mistoqsi jekk il-mobile gie moghti lir-rikorrenti mill-vettrina u ma kienx issiggillat, l-intimat ighid li l-mobiles kollha ma jkunux issiggilati hlief tal-I phone u qabel ma jinxtraw jigu ccekjati quddiem il-klijent u jassiguraw li kollox qed jahdem.

Illi meta r-rikorrenti xtrat il-mobile phone, inghatat garanzija li gie ezebit bhala dok SG1.

Il-garanzija, datat 7 ta' Dicembru, jghid, inter alia, hekk:

*2. Warranty will be considered void if damage is caused by mishandling, wear and tear, water and / or any other liquid contact, condensation, intense or direct heat.*

*4. Repairs should be carried out only by authorised personnel.*

*6. As cell phones have to be sent abroad to the manufacturer for repairs, it is understood that this may take from four to eight weeks for completion.*

*7. It is solely at the discretion of the manufacturer to decide whether to repair or replace the mobile phone.*

Ikkunsidra

Illi ghalkemm ir-rikorrent ghall-ewwel accetat il-proposta tal-intimat, wara ftit sieghat biddlet il-hsieb u argumentat illi gialadarba l-mobile kien ghadu gdid, kellha dritt tircievi flusha lura. Min-naha l-ohra l-intimat, filwaqt illi mhux qed jeskludi illi jrodd lura l-flus tal-mobile, qed ighid illi l-ewwel irrid jigi stabbilit illi ma hemm l-ebda hsara. Ta min jirrileva li, bhal xejra ta mobiles moderni, dawn ma jistghux jinfethu lokalment, l-anqas biex tbiddel batterija u bil fors irid jinfetah barra minn Malta f'kondizzjonijiet kontrollati. Dan jaghti ragun lill intimat li jinsisti ghall osservazzjoni tal-paragrafu 6 tat termini tal-garanzija anki jekk il-mobile dam ghand ir rikorrenti ghall-jumejn biss. Dan hu dritt tal-intimat li jassigura ruhu li ma sarx xi abbuz fuq il-mobile b'hekk jikkawtela r-relazzjoni futura bejn ir-rikorrenti u l-intimat. Jekk il-mobile gie abbuzat allura r-rikorrenti ma jkollha l-ebda drittijiet, jekk le, l-intimat ikun obbligat jew jaghtiha mobile gdid jew irodd lura l-flus. Ix-xelta tkun f'idejn ir-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispjjes kontra taghha

Michela Spiteri LL.D
Arbitru